MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 142/2004

**Pater Finance Co. Ltd. (C22643)**

**vs**

**Pierre Balzan u martu Paula Balzan**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, u sitt mija u tliet liri Maltin (Lm1,603) rapprezentanti import ta' seba' (7) kambjali, kollha ta' Lm229-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu, 2003, sa' Frar, 2004, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sad-19 ta' Frar, 2004, jammontaw ghal Lm45, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta' April, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------